**2 ta' Mejju, 1985**

**Imħallef: -**

Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.

*versus*

Alfred Demicoli

**Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali - Korruzzjoni ta' Uffiċjal Pubbliku**

*Ir-ratio legis tad-disposizzjoni tal-liġi mhux limitat biex jiġi punit min jonqos minn dmiru, iżda anki biex jippervjieni li wieħed li jagħmel dmiru jipperċepixxi aktar minn dak li hu intitolat għalih.*

Il-Qorti: -

Rat l-atti kkompilati kontra l-imputat Alfred Demicoli fuq l-imputazzjonijiet talli f'dawn il-Gżejjer matul l-aħħar sentejn

qabel Lulju, 1982, b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (a) bħala uffiċjal pubbliku u ċjoè bħala Segretarju tal-Bord tat-Traffiku, in konnessjoni mal-kariga tiegħu jew impjieg tiegħu rċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor, xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili ieħor jew ta' xi vantaġġ ieħor meta l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew ta' l-offerta kien sabiex hu bħala uffiċċjal jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel;

b) bħala uffiċċjal tal-Gvern u ċjoè bħala Segregarju tal-Bord tat-Traffiku sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħal salarju tad-dmirijiet tiegħu jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu esiġa dak li l-liġi ma tippermettix jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-liġi;

ċ) barra minn hekk dawn ir-reati saru minn uffiċjal pubbliku meta huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tiegħu hu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat in-nota tar-rinviju ta' l-Avukat Ġenerali tad-9 ta' April, 1984 li biha bagħat lura lil din il-Qorti - l-attijiet tal-kumpilazzjoni fuq indikati sabiex f'nuqqas ta' oġġezzjoni da parti ta' l-imputat din il-Qorti tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet ta' l-imputat li tista' tinstab fl-artikoli li ġejjin: -

(i) 114(a), 139, 20 u 32(1)(b)(xii)(xi)(x)(ix)(viii) tal-Kodiċi Kriminali;

(ii) 112(b), 139, 20 u 32(1)(b)(xi)(x)(ix)(vii)(vi)(v)(iv)

tal-Kodiċi Kriminali;

(iii) 111, 139, 20 u 32(1)(b)(xii)(xi)(x)(ix)(viii)(vii) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 1984 minfejn jirriżulta illi l-imputat iddikjara li huwa ma jsibx oġġezzjoni li l-kawża tiegħu tiġi ttrattata u deċiża minn dik il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li permezz tagħha sabet lill-imputat mhux ħati talli bħala uffiċċjal tal-Gvern sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku taħt il-libsa tal-kariga tiegħu esiġa dak li l-liġi ma tippermettilux u minn dawn l-akkużi lliberatu u wara li rat l-artikoli 114(a), 139, 20 u 32 tal-Kodiċi Kriminali sabitu ħati talli f'dawn il-Gżejjer matul l-aħħar sentejn qabel Lulju, 1982, b'diversi ażżjonijiet magħmulin mill-imputat, fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bħala uffiċjal pubbliku ċjoè bħala Segretarju tal-Bord tat-Traffiku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu rċieva jew aċċetta għalih xi rigal, jew wegħda jew offerta ta' rigal fi flus meta l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew l-offerta kien sabiex hu bħala uffiċċjal jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel u talli dawn ir-reati saru minn uffiċċjal pubbliku meta huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tiegħu hu kellu id-dmir li jimpedixxi, però *in vista* tal-fedina penali netta ta' l-imputat, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u in vista ta' l-aġir preċedenti ta' l-imputat fl-istess kariga li kien ilu jokkupa minn Ottubru, ta' l-1970; illiberat lill-imputat taħt il-provvediment ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att

XII ta' l-1957 bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena u dan wara li dik il-Qorti kkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-imputat Alfred Demicoli huwa impjegat mal-Gvern u għandu l-kariga ta' *Administrative Officer* u għamel perijodu twil u ċjoè mill-aħħar ta' l-1970 sa nofs l-1982 bħala Segregarju tal-Bord dwar il-Kontroll tat-Traffiku bl-uffiċċju tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija l-Furjana;

Illi fost il-varji doveri li ġġib magħha l-imsemmija kariga ta' Segregarju tal-Bord dwar il-Kontroll tat-Traffiku hemm dik li jirċievi applikazzjonijiet minn sidien tal-vetturi hekk imsejħa *mini buses* sabiex dawn jiġu rimpjazzati (*replaced* ). Dawn l-applikazzjonijiet jirreferu għal meta jkun hemm *mini bus* debitament liċenzjata u din tkun fi stat ħażin jew għal xi raġuni jew oħra jinħtieġ li tiġi mibdula ma' *mini bus* oħra. Jirriżulta *inoltre* illi kellu xogħlijiet oħra *oltre* dawk konnessi ma' din il-kariga ta' Segretarju tal-"*Control Board*";

Mill-provi prodotti, inkluża l-istqarrija ta' l-imputat kif ikkonfermata minnu stess bil-ġurament meta xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 1984 illi l-imputat f'diversi okkażżjonijiet kien approva bil-firma tiegħu tali applikazzjonijiet u kien irċieva ammonti ta' flus mingħand ix-xhud John Gatt u dan in konnessjoni mal-proċeduri relattivi għal dawn l-applikazzjonijiet għal tibdil ta' *minibuses.* Dawn il-ħlasijiet ma kinux dovuti skond il-liġi jew skond xi regolamenti, imma kien iżommhom l-imputat. Għandu jingħad ukoll illi għall-fini ta' l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali, speċjalment l-artikolu 114, l-ammont ta' dawn il-ħlasijiet huwa rrilevanti. Ma hemmx qbdil fuq dan il-punt bejn dak li qal l-imputat u dak li

xehed ix-xhud John Gatt, però anke f'dak li qal l-imputat l-ammont involut m'huwiex irrisorju. Fl-imsemmi artikolu 114 il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni rigward l-ammont involut anzi tirrendi punibbli anke is-sempliċi aċċettazzjoni ta' wegħda jew ta' l-offerta;

Minn eżami ta' l-istess artikolu 114 li jikkontempla r-reat ta' korruzjoni jirriżulta illi l-elementi bażiċi li għandhom jiġu pprovati huma erbgħa u ċjoè: - (a) in-natura uffiċjali jew pubblika ta' l-impjieg ta' l-imputat (b) li l-imputat jirċievi jew jaċċetta flus, jew xi rigal jew wegħda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il-liġi (c) li dan ikun ċar in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impjieg u (d) li l-iskop ikun li l-imputat jagħmel jew ma jagħmilx id-dmir tiegħu;

Fl-opinioni tal-Qorti mill-kumpless tal-provi prodotti dawn l-erba' elementi jirriżultaw sodisfaċentement ipprovati f'dan il-każ;

B'riferenza għar-raba' element fuq indikat għandu jiġi stabbilit jekk l-uffiċjal pubbliku ħax il-flus bl-iskop jew li jagħmel dak li huwa fid-dover li jagħmel jew li jonqos li jagħmel dak li hu fid-dover li jagħmel. Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li għanda tiġi applikata;

Dwar il-funzjonijiet speċifiċi ta' l-imputat rigward l-approvazzjoni ta' bdil ta' *minibuses* ġew prodotti xhieda fis-sens illi l-imputat qatt ma ġie mogħti speċifikament l-awtorità li jiffirma dawn l-*approvals*. Is-Supretendent Gwido Muscat a fol. 109 tal-proċess qal "illi ix-xogħol tas-Segretarju kien li wara li jirċievi l-applikazzjoni issir il-*file* relattiva u mbagħad jagħti l-parir tiegħu ....... . Il-*file* bil-parir relattiv kien jintbagħat

lill-Assistent Kummissarju li kien jiddeċidi eventwalment dwar l-approvazzjoni jew ir-rifjut ta' l-istess applikazzjoni";

Min-naħa l-oħra l-imputat isostni li huwa qatt ma għamel dak li ma setax jagħmel jew dak li ma kienx permissibbli. Ma jirriżultax di fatti li l-imputat qatt ġie mogħti struzzjonijiet bil-miktub jew li l-funzjonijiet tiegħu rigward l-iproċessar u l-approvazzjoni ta' tali applikazzjonijiet qegħdin imniżżlin bil-miktub. Jirriżulta *inoltre* illi l-imputat iffirma diversi awtorizzazzjonijiet simili u li dwarhom ma rriżulta xejn irregolari. Barra minn hekk il-*policy* tal-Bord kienet li permessi simili setgħu jingħataw u mhux li me kellhomx qatt jingħataw. Ma rriżulta xejn aktar irregolari, apparti l-għoti ta' flus; għar-rigward ta' l-awtorizzazzjonijiet in kwistjoni. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li fil-każ in eżami għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 114 subartikolu (a) u mhux dawk tas-subartikoli (b), (c). Jirriżultaw *inoltre* l-estremi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 139 tal-Kodiċi Kriminali;

Skond in-nota tar-rinviju ta' l-Avukat Ġenerali fuq indikata l-imputat għandu jirrispondi wkoll għall-imputazzjoni li esiġa flus kontra l-liġi kif ikkontemplat fl-artikolu 111 tal-Kodiċi Kriminali. Illi hija l-opinjoni tal-Qorti li dan ir-reat ma jirriżultax mill-provi prodotti;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn l-imputat ma nstabx ħati tar-reati dedotti kontra tiegħu u ġie lliberat minnhom u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati talli rċieva jew aċċetta flus in konnessjoni mal-kariga tiegħu meta l-iskop tal-għotja kien biex jagħmel dak li kien fid-dover li jagħmel, jew jagħmel reati li kien fid-dmir li

jimpedixxi li jsiru, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Illi t-tezi ta' l-appellanti hi li jonqsu żewġ elementi essenzjali ta' dan ir-reat u ċjoè li l-flus ġew aċċettati in konnessjoni max-xogħol tiegħu u li dawn saru bi skop li r-rikorrenti jagħmel d-dover tiegħu. *Inoltre* jiġi li konsegwentement ma kkommettiex reati li kien fid-dmir li jimpedixxi li jsiru;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 114 tal-Kodiċi Kriminali hu l-verzjoni raffinata ta' dak li kien l-art. 107 tal-"*Leggi Criminali per l-Isole di Malta e sue Dipendenze*" ppromulgati fl-1854 bil-proklama Nru. 1 ta' dik is-sena. Dak l-artikolu fil-versjoni taljana kien jipprovdi:

"*Qualunque ufficiale od impiegato sotto il-Governo, il quale in occasione del suo ufficio od impiego accettasse doni, promesse od offerte, sarà punito come segua:-*

*1. Se l'oggetto, fosse perchè l'ufficiale od impiegato adempisce e ciò che il suo dovere gli impone, la pena sara' dei lavori forzati o della prigioneria da uno a tre mesi;*

*2. Se l'oggetto fosse perchè l'ufficiale od impiegato mancasse a ciò che il suo dovere gli impone, la pena, nel solo*

*fatto dell' accettazione, sara' da lavori forzati o della prigioneria da uno a dodici mesi;*

*3. Se, oltre l'accettazione del dono, della promessa o dell'offerta, l'ufficiale od impiegato effettivamente mancasse al suo dovere, la pena sara' dei lavori forzati da sei mesi a tre anni;*

Dan l-artikolu li sadattant ġie rinumerat għan-numru 114 fl-1911 u 113 fl-1914 ġie emendat bl-Att XII ta' l-1914 u b'dawn l-emendi li l-Ewwel parti ta' l-artikolu ġiet taqra:

*"Qualunque ufficiale pubblico o impiegato sotto il governo, il quale, in occasione del suo ufficio od impiego, ricevesse, per se' o per altri, in denaro o in altre utilità una retribuzione che non gli è dovuta, o ne accetta la promessa o l'offerta sara punto come segue:*

Fil-paragrafu 1. u 3. l-uniku tibdil kien li flok il-kliem "*del dono, della promessa o dell'offerta*", daħħlu l-kliem, "*della retribuzione, della promess o dell'offerta*";

Fl-1914 għalhekk dak li tbiddel kien il-mod kif setgħet issir il-korruzjoni billi għal dawk li huma mezzi saret aktar ampja u ġie ukoll stabbilit li r-reat jisussisti xorta waħda, jekk ir-retribuzzjoni eċċ. tiġi riċevuta għal terz u l-legislatur *inoltre* għamilha ċara li r-retribuzzjoni eċċ. trid ma tkunx dovuta lir-riċevant jew it-terz;

Dan l-artikolu li sadattant sar l-artikolu 114 ta' l-Edizzjoni Riveduta Kap. 12 ġie emendat mill-ġdid bl-Att IV ta' l-1974. B'dawn l-emendi l-ewwel parti ta' l-artikolu fit-*test* Malti ġiet mibdula billi flokha ddaħħal il-paragrafu li ġej:

"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel meta jinsab ħati";

L-istess att ta' l-1974 żied ukoll il-pieni u emenda l-ewwel parti ta' l-artikolu fit-test ingliż billi *oltre* l-"*other valuable consideration*" żdiedu ukoll "*any other advantage*";

Dan kollu ntqal biex jiġi ffaċilitat il-kompitu risoluttiv ta' din il-Qorti in vista ta' l-aggravji ta' l-appell;

Infatti huwa ċar mill-espożizzjoni tal-liġi li għadha kemm saret illi l-argument illi l-appellant għamel dmiru regolament u kien japprova applikazzjonijiet li jsiru jew jipproċessahom u ssottomettihom għall-approvazzjoni tal-Kummissarju meta kienu regolari u jirrifjuthom meta ma kinux regolari m'għandu ebda valur għal dik li hija ħtija *stante* li dan il-valur eskludih il-leġislatur stess. L-importanza ta' l-argument hi biss in kwantu tikklassifika l-*actus reus* taħt parti mid-dispożizzjoni tal-liġi u mhux taħt oħra għall-fini ta' piena iżda daqshekk biss;

L-istess ma għandu ebda valur f'dan il-każ l-argument illi l-flus ma ġewx aċċettati in konnessjoni max-xogħol tiegħu jew li dawn saru bi skop li hu jagħmel id-dover tiegħu. Dan l-argument hu kompletament kontradett mill-assjem tal-provi u parti mill-istess xhieda ta' l-appellant;

Hu veru li ma hemmx provi li l-appellant kien qed jinxtara biex ma jagħmilx xogħlu sewwa anzi hemm provi li d-deċizzjonijiet amministrattivi tiegħu kienu korretti però dan ma

jsalvahx minn dik li hi ħtija għax ir-*ratio* tad-dispożizzjoni tal-liġi mhux limitat biex jiġi punit min jonqos minn dmiru iżda anki biex jippervjeni li wieħed li jagħmel dmiru jipperċepixxi aktar minn dak li hu intitolat għalih;

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-appell għandu jiġi respint;

Jidher ukoll illi l-provvediment ta' l-Ewwel Qorti kien misurat sewwa u din il-Qorti mhux ser tmissu. Sejra però tagħmel rakkomandazzjoni. Jidher mill-assjem tal-provi li l-appellant qatt ma talab kumpens finanzjarju biex jagħmel id-doveri tiegħu u li sab ruħu fis-sitwazzjoni attwali peress illi terz li xejn ma jidher li hu persuna rakkomandabbli daħħlitu f'nasba li mbagħad difficilment l-imputat seta' joħroġ minnha una volta aċċetta li jidħol fiha. L-imputat, ma hemmx dubju żbalja, però żbalja b'mod li forsi ħaqqu kommiserazzjoni aktar milli ħaġa oħra. Għalhekk għal kull buon fini din il-Qorti tirrakkomanda lill-awtorità li jista' jkollha f'idejha l-futur ta' l-impjieg ta' l-imputat komprenzjoni u moderazzjoni qabel deċiżjoni drastika;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u salv dak li jingħad tikkonferma s-sentenza appellata.